DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 2007

li ttemm il-proċediment kontra s-sussidju fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' dihydromyrcenol li joriġinaw fl-Indja

(2007/535/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Fil-11 ta' Novembru 2006, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2] ('notifika ta' l-inizjazzjoni'), il-bidu ta' proċediment kontra s-sussidju fir-rigward ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' dihydromyrcenol ta' purità bil-piż ta' 93 % jew aktar, li joriġinaw fl-Indja, normalment iddikjarati fi ħdan il-kodiċi NM ex 2905 22 90.

(2) Il-proċediment kontra s-sussidju ngħata bidu, skond l-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku, wara li tressqet kwerela fid-29 ta' Settembru 2006 mill-produtturi Komunitarji li ġejjin: Destilaciones Bordas Chinchurreta S.A. u Sensient Fragrances S.A. ('il-kwerelanti') li jirrappreżentaw parti kbira, f'dan il-każ aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali Komunitarja ta' dihydromyrcenol. Il-kwerela kien fiha evidenza *prima facie* ta' l-eżistenza ta' sussidjar tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment.

(3) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-awtoritajiet ta' l-Indja, lill-produtturi esportaturi fl-Indja, l-importaturi u l-utenti magħrufa li huma kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-kwerelenti bil-bidu ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jsemmgħu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fin-notifika ta' l-inizjazzjoni.

B. IRTIRAR TAL-KWERELA

(4) Permezz ta' ittra tal-25 ta' Mejju 2007 lill-Kummissjoni, il-kwerelenti rtiraw formalment il-kwerela tagħhom.

(5) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jintemm meta l-kwerela tiġi rtirata sakemm terminazzjoni bħal din ma tmurx kontra l-interess Komunitarju.

(6) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment attwali għandu jintemm peress li l-investigazzjoni ma sabet ebda fatt li juri li t-terminazzjoni ma tkunx fl-interess Komunitarju. Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tqajmu l-ebda oġġezzjonijiet.

(7) Meta wieħed iqis dan kollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċediment kontra s-sussidju fir-rigward ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' dihydromyrcenol li joriġinaw fl-Indja għandu jintemm mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri ta' kumpens,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-proċediment kontra s-sussidju fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' dihydromyrcenol ta' purità bil-piż ta' 93 % jew aktar, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2905 22 90 u li joriġinaw fl-Indja huwa permezz ta' dan ta' hawn terminat.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Lulju 2007

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU C 275, 11.11.2006, p. 29.